

# Il-festa tal-Assunta fil-Mosta: mit-tiżjin għat-tagħlim (5)

*Is-Sur Jeffrey Galea*

Il-festi tagħna l-Maltin huma mogħnija b'għadd ta' opri artistiċi li għal ftit jiem matul is-sena jżejnu t-toroq tal-ibliet u rħula tagħna. Filwaqt li l-aprezzament artistiku ta' dawn l-opri hu ta' min jinkoraġġih, min hu Nisrani jagħmel sew jekk ifittex li jkabbar l-għarfien tiegħu dwar dak li dawn l-opri jirrappreżentaw. Permezz ta' dan it-tagħlim il-qalb tan-Nisrani tkun tista' ssib l-hena anke meta l-armar ta' barra jerġa' jsib ruħu bejn l-erba' ħitan tal-imħażen wara li l-festa tkun għaddiet.

**Il-bandalori l-kbar tal-Pjazza**

Wieħed mill-proġetti ewlenin li l-Grupp Armar Marija Assunta wettaq huwa s-sett ta' tmien bandalori l-kbar li jintramaw f'tarf Pjazza Rotunda fejn tibda Triq il-Kostituzzjoni. Kien wara l-festa tal-2005, f'waħda mill-laqgħat li jsiru ta' kull xahar, meta l-grupp tal-armar ħa d-deċiżjoni li kellhom isiru dawn il-bandalori. Fuq il-parir tas-Sur Joe Borg (ta' Mattew) dawn il-bandalori kellhom jirrappreżentaw qaddisin li kitbiet u omeliji tagħhom jissemmew fil-Kostituzzjoni Appostolika tad-Domma tal-Assunta li l-Papa Piju XII kien ipproklama fl-ewwel ta' Novembru tal-1950.

Ix-xogħol tad-disinn u l-isfumar ta' dawn il-bandalori kien ġie fdat f'idejja, filwaqt li l-ħjata saret mis-Sur Anthony Pizzuto ta' Santa Venera. Is-Sur Frans Muscat li wkoll huwa mill-Mosta mmudella fit-tafal u ħadem fil-*fibreglass* l-iskultura kollha tas-sopraporti.

Il-Grupp kollu kien tal-fehma li ladarba l-pittura kellha l-akbar prominenza fid-disinn tal-bandalori kellu jiġi mqabbad artist ta' kalibru u l-għażla waqgħet fuq il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Niftakar tajjeb li konna tlajna Għawdex sabiex inkellmu lil Camilleri Cauchi u dan kien qalli li d-disinn għoġbu. Hawnhekk huwa ppropona li jpitter il-qaddisin bilqegħda sabiex jagħtihom statura monumentali kif jixraq lil pjazza bħal tagħna.

Ix-xogħol fuq dan il-proġett ma setax ikun komplut mingħajr ma jsiru sett ta' tmien antarjoli ġodda li nħadmu mis-Sur Louis Xuereb ta' Ħaż-Żabbar. Il-kruċetti għal dawn l-antarjoli kienu nħadmu għand id-Ditta Joseph Aquilina ta' Ħal-Qormi fuq disinn tiegħi wkoll[1]. L-ewwel frott ta' dan il-proġett deher fil-festa tal-2007 meta ġiet imżanżna l-bandalora mingħajr sfumar ta' San Albertu l-Kbir. Il-proġett kien konkluż definittivament fl-2016



*Kruċetta tal-bandalori l-kbar. Il-kruċetti kienu lesti mix-xogħol kollu għall-festa tal-2013*

*ikompli f'paġna 178*

bl-isfumar tas-sopraporta tal-bandalora ta' San Ġwann Damaxxenu.

Id-disinn tal-bandalori fih erba' taqsimiet prinċipali. L-ewwel minn dawn it-taqsimiet hija s-sopraporta li fiha tispikka n-Nome di Maria. Il-kruċetta li tintrama fuq kull antarjoli tikkumplimenta dan id-disinn għax tinkorpora kuruna magħluqa mdawra bi tnax-il kewkba. It-tieni taqsima hija l-pavaljun ta' taħt is-sopraporta li hu ta' kulur aħmar skur. Dan jinkludi fih żewġ armi li waħda minnhom hi tal-kunjom tad-donatur li ħallas il-maġġoranza tal-ispejjeż relatati ma' dik il-bandalora. Żgur li mingħajr il-kontribut finanzjarju ta' dawn l-individwi kien ikun ferm aktar diffiċli għall-Grupp li jwassal fi tmiemu proġett bi spiża daqstant kbira![2] Taħt il-pavaljun jinsabu ż-żewġ taqsimiet l-oħra: il-patallotti ta' lewn aħmar imżejna b'disinn ornat, u ċ-ċentru ta' lewn blu fejn hemm il-pittura magħluqa f'disinn ta' nkwadru bi skudett taħtu bl-isem tal-qaddis li hu muri fil-pittura.



*Sopraporta tal-bandalori l-kbar.*
*Dawn kienu lesti kollha sal-festa tal-2016*

**Qaddisin li kitbu jew għallmu dwar l-Assunzjoni tal-Verġni Marija**
Paragrafu 21 tal-Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* li permezz tagħha l-Papa Piju XII iddefinixxa d-Domma tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija jgħidilna li s-Santi Padri u d-Dutturi tal-Knisja fl-omeliji tagħhom dwar din il-festa tkellmu b'konvinzjoni li d-duttrina tal-Assunzjoni kienet fatt magħruf u aċċettat mill-fidili kollha[3]. Huma offrew spjegazzjonijiet profondi dwar it-tifsira u n-natura ta' dan it-twemmin bl-għan li juru li din il-festa mhux biss tfakkarna li l-ġisem tal-Verġni Marija ma rax it-taħsir tal-qabar imma li hi kisbet rebħa sħiħa fuq il-mewt, l-istess bħalma kien għamel qabilha Sidna Ġesù Kristu.

Għalhekk tajjeb li naraw kif il-Kostituzzjoni Appostolika tikkwota lil dawn il-qaddisin. Ser nillimita ruħi għal dawk li nsibu rappreżentati fil-bandalori l-kbar tal-pjazza.

**San Ġwann Damaxxenu**
(Qassis u Duttur tal-Knisja; c.675-749)[4]
F'waħda mill-omeliji tiegħu San Ġwann ta' Damasku jgħidilna li kien xieraq li dik li kienet żammet il-verġinità tagħha mhux mittiefsa fit-twelid ta' binha l-waħdieni kellha żżomm ġisimha stess ħieles minn kull taħsir anke wara l-mewt. Kien xieraq li hi li ġarret lill-Ħallieq fi ħdanha u li Alla l-Missier stess kien għażel kellha tibqa' tgħix għal dejjem fl-għamajjar qaddisa. Kien xieraq li dik li rat lil binha mdendel mal-għuda tas-salib u għalhekk ġarrbet f'qalbha l-uġigħ li ma kinitx għaddiet minnu fil-ħlas kellha tgawdi l-viżjoni beatifika ta' binha f'għaqda sħiħa mal-Missier. Għalhekk kien tassew xieraq li dik li hi Omm Alla kellha tgawdi minn dak li hu ta' binha u li kellha tingħata ġieħ mill-ħolqien kollu bħala l-Omm u l-qaddejja t'Alla.

**San Ġerman I**
(Patrijarka ta' Kostantinopoli; 634-733/740)
San Ġerman jindirizza lil Verġni Marija u jgħidilha "Inti dik li bħalma hemm miktub, tidher kollok sabiħa, il-ġisem verġni tiegħek kollu kemm hu qaddis u safi, kollu kemm hu għamara t'Alla u għaldaqstant meħlus mit-taħsir. Għalkemm ġismek hu ġisem ta' bniedem, jisfa mibdul f'ġisem li ma jarax taħsir, ħaj tassew u glorjuż, bla mittiefes u f'għaqda sħiħa mal-ħajja fil-milja kollha tagħha."

**Sant' Antnin ta' Padova**
(Patri Franġiskan u Duttur tal-Knisja; 1195-1231)
Id-Duttur Evanġeliku Sant'Antnin ta' Padova kien wieħed minn dawk il-kittieba qaddisa li jfittxu analoġiji fl-Iskrittura mqaddsa sabiex ifissru u jikkonfermaw il-verità tad-duttrina tal-Assunzjoni. F'waħda mill-prietki tiegħu jieħu spunt mill-Profeta Isaija li kien qal li Alla għad jagħti glorja lil dak il-post fejn imidd riġlejh. Hu jxebbah dan il-post mal-ġuf tal-Verġni Marija għax kien propju hawnhekk li l-Feddej kien ħa l-ġisem permezz tal-Ispirtu s-Santu. Sant'Antnin iqis dan il-vers minn Isaija bħala prova mill-aktar ċara li l-ġisem tal-Verġni Marija kien ukoll imtellgħa s-sema flimkien mar-ruħ tagħha. Huwa jafferma li bħalma Sidna Ġesù Kristu rebaħ fuq il-mewt u tela' s-sema fejn qiegħed fuq il-lemin t'Alla, hekk ukoll Marija, l-arka tar-rabta l-ġdida li Kristu stess kien qaddes, kienet meħuda fl-għamara qaddisa li Alla ħejja għaliha.



*Il-bandalora ta' Sant'Antnin ta' Padova li kienet lesta bil-pittura u l-isfumar għall-festa tal-2009*

**San Albertu l-Kbir** (Patri Dumnikan, Duttur tal-Knisja u Isqof; c.1200-1280)
San Albertu l-Kbir, wara li wettaq studju profond fejn stħarreġ siltiet mill-Iskrittura, stqarrijiet ta' kittieba, u kitbiet mill-oqsma liturġiċi u tar-raġunar teoloġiku kkonkluda li dawn ilkoll juru li l-imqaddsa Omm t'Alla kienet imtellgħa s-sema fuq il-kori kollha tal-anġli. U f'waħda mill-prietki tiegħu fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata huwa ddikjara li t-tislima tal-Anġlu Gabriel "Is-sliem għalik, mimlija bil-grazzja" turi bl-aktar mod ċar li l-Verġni Marija kienet meħlusa mill-erba' kastigi li kienu waqgħu fuq Eva wara li l-bniedem mar kontra l-Kelma t'Alla fil-Ġnien tal-Għeden.

**San Tumas t'Aquino** (Patri Dumnikan u Duttur tal-Knisja; 1225-1274)
Dan il-qaddis, magħruf ukoll bħala d-Duttur Anġeliku, qatt ma tratta l-kwistjoni tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija b'mod dirett. Madanakollu kull meta semmieha dejjem afferma l-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika, jiġifieri li l-Verġni Marija kienet imtellgħa s-Sema kemm bir-ruħ kif ukoll bil-ġisem.

**San Bonaventura** (Patri Franġiskan, Duttur tal-Knisja u Kardinal; 1221-1274)
San Bonaventura argumenta li hemm ċertezza li l-Verġni Marija ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem għax ladarba Alla kien żamm il-verġinità tagħha intatta kemm waqt il-konċepiment kif ukoll waqt it-twelid tal-Mulej Ġesù, żgur li qatt ma seta' jippermetti li ġisimha jara t-taħsir. Id-Duttur Serafiku jfisser li r-ruħ minnha nnfisha mhix persuna għax persuna hi biss magħmula minn ruħ u ġisem. Għalhekk filwaqt li jagħmel riferenza għall-Iskrittura mqaddsa jgħidilna li l-fatt li l-Verġni Marija tinsab fil-milja tal-grazzja jfisser li din il-milja setgħet tilħaqha biss għaliex hi tinsab fis-Sema kollha kemm hi bħala persuna.




*Il-bandalora ta' San Roberto Bellarmino li kienet lesta mill-pittura u l-isfumar għall-festa tal-2013*

**San Roberto Bellarmino** (Teologu Ġiżwita, kittieb u Kardinal; 1542-1621)
F'wieħed mix-xogħlijiet tiegħu dan it-teologu Ġiżwita jistaqsi kif qatt seta' jkun li din l-arka ta' qdusija fejn tgħammar il-Kelma t'Alla u li hija tempju tal-Ispirtu s-Santu tara l-qerda? Kien konvint li l-ġisem verġinali ta' dik li kienet welldet lill-Iben waħdieni t'Alla ma seta' qatt isir irmied jew jispiċċa mittiekel mid-dud.

**San Franġisk de Sales** (Kittieb u Isqof; 1567-1622)
Mistoqsija oħra jagħmilhielna San Franġisk de

*ikompli f'paġna 182*




*Il-bandalori l-kbar kompluti minn kollox u armati għall-festa tal-2016*

Sales meta jgħidilna liema iben ma jqajjimx lil ommu mejta lura għall-ħajja u ma jtellagħhiex fil-glorja tal-Ġenna kieku jista'? Huwa ċert li l-Mulej Ġesù għamel dan għax il-Mulej stess ma setax ma josservax bl-akbar fedeltà r-raba' kmandament li jordna lill-ulied sabiex iweġġħu lil missierhom u lil ommhom.

**Għeluq**

Il-Kostituzzjoni Appostolika tad-Domma tal-Assunta turina kif matul sekli sħaħ kienu bosta dawk id-Dutturi u ħassieba tal-Knisja li affermaw it-tagħlim dwar it-tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija bir-ruħ u bil-ġisem. Kienu kapaċi li bl-għajnejn tal-fidi kif ukoll permezz tar-raġuni jaraw dak li Alla għoġbu jagħmel mal-Verġni Marija u li fl-aħħar taż-żminijiet ser jagħmel magħna wkoll. Dak li huma fehmu ma żammewhx għalihom imma fittxew li jgħadduh lil ħaddieħor permezz ta' kitbiet, omeliji u prietki.

Id-dilettanti tal-armar m'għandhomx l-irwol ta' kittieba jew predikaturi, madanakollu permezz tal-arti jwasslu l-bxara t-tajba. Għalhekk ikun għaqli dak in-Nisrani li fl-armar ta' barra bħall-pittura tal-bandalori l-kbar ma jarax biss dak li hu ta' preġju artistiku imma messaġġ li jqarrbu lejn il-Ħajja ta' Dejjem.

Noti:

1. Ħajr lis-Sur Stephen Dimech, kaxxier tal-Grupp Armar Marija Assunta tal-informazzjoni li għaddieli dwar dan il-proġett.

2. Donazzjonijiet għal dan il-proġett saru minn: Joseph Tanti, George Gatt, Ballut Blocks, Raymond Bonavia, Vince Farrugia, Jason Vella, Sean Grech, Emmanuel Scerri, Chev. John Scicluna, Rev. Mario Tong, George Grima, Carmelo Agius u Paul Vella.

3. Minn hawn 'il quddiem l-informazzjoni dwar x'qalu l-qaddisin hi meħudha kollha kemm hi mill-Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* li ddefiniet id-Domma tal-Assunta http://w2.vatican.va/content/pius-xii/en/apost_constitutions/documents/hf_p-xii_apc_19501101_munificentissimus-deus.html

4. Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet li dawn il-qaddisin okkupaw, kif ukoll dwar id-dati tat-twelid u l-mewt tagħhom hi meħudha mill-Wikipedia: http://en.wikipedia.org